**L-Università ta' Malta**

# MAL 2098 - Il-Metafora I

Mejju 2008

Wieġeb mistoqsija waħda. L-iżbalji tal-lingwa jnaqqsu ħafna l-marki. Importanti li l-eżempji li tagħti mil-lingwa u l-letteratura Maltija jkunu ġodda u li l-analiżi tirrifletti t-testi akkademiċi li qrajt.

1. Fil-kampanja għall-elezzjoni ġenerali ta' Marzu 2008 intużaw bosta metafori. Għaliex tintuża l-metafora fil-politika? Xi ħjiel jagħtina dan l-użu dwar in-natura u l-funzjoni tal-metafora?

2. David E. Cooper jiddeskrivi l-metafora bħala indeterminata. Xi jrid ifisser biha? Il-metafori huma kollha indeterminati?

3. Studjużi kontemporanji bħal George Lakoff isostnu li ħafna mill-metafori l-ġodda għandhom l-għeruq tagħhom fil-metafori konċettwali konvenzjonali li jiddominaw parti kbira mill-ħsieb tagħna. Ikkummenta.

4. Il-metafora, skont Aristotli, hija l-unika ħaġa li persuna ma tistax titgħallem mingħand ħaddieħor; hija wkoll sinjal ta' ġenju. Barra minn hekk, "li timmetaforizza sew jimplika li tkun kapaċi tipperċepixxi intwittivament ix-xebh fejn mhemmx xebh." Ikkummenta.

5. Kemm nistgħu ngħidu li l-metafora u s-similitudni huma differenti minn xulxin?